**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 85/2002

Il-Pulizija

(Spettur S. Agius)

Vs.

Rennie sive Nazzareno Agius

Seduta tal-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1) fis-7 ta' Frar, 2002 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lill-persuna li ma kienitx persuna ezenta u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta jew mod iehor ghen jew assista persuna li m'hix persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2) ukoll talli bhala l-persuna responsabbli mix-xoghol li kien qed isir gewwa d-dar tieghu numru 5, Triq Dun Guzepp Vella, Qormi, impjega persuna li ma kienx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali :

3) ukoll talli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, whole-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'April, 2002 li biha wara li ddikjarat li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova l-akkuzi u fic-cirkostanzi iddikjarat li mhux qed issib lill-imputat hati u illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-Avukat Generali minnhu pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ssib htija u tinfliggi l-piena skond il-Ligi.Rat li, fil-qosor , l-aggravvji tal-Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti :- li l-ewwel Qorti interpretat hazin il-portata tal-element intenzjonali tar-reat oltre li skuzat il-persuna barranija billi tat kont tal-injoranza tal-ligi . Illi hu principju fondamentali li "ignorance of the law is no excuse", u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata ghax la darba il-Libyan kien marbut bil-ligijiet Maltin , dan il-fatt ma setax jinnewtralizza l-element intenzjonali tal-appellat li kien fid-dover li jivverifika il-pozizzjoni u mhux jistrieh fuq risposti verbali.

Rat l-atti kollha tal-process inkluzi il-provi traskritti u l-verbal a fol.6 tal-process fejn id-difiza tal-appellat kienet ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega tal-prova bix-xiehda tal-ufficjali tac-cittadinanza u tal-ETC ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekurutur u tal-abbli Defensur tal-appellat ;

Ikkunsidrat ;

Illi din il-kawza bdiet wara li l-Pulizija irceviet telefonata anonima li kien hemm xi barranin jahdmu gol-fond 5 , Triq Dun Guzepp Vella, Qormi fis-7 ta' Frar, 2002 . Meta l-Pulizija marret fuq il-post , sabet li f'dan il-fond, li hu tal-appellat, kien hemm ragel Libjan , certu Ali Sudik Saleh Madi , jobrox il-hitan b'idejh . L-appellat li kien fuq il-post kien ammetta li kien qabbad lill-gharbi jaghmel dax-xoghol bil-prezz pattwit ta' mija w hamsin lira Maltin (LM150) biex jobroxlu id-dar kollha minn gewwa, biex jaghmilulu fuq il-fil. Hu u l-Libyan , skond l-appellat, kienu iltaqghu b'kumbinazzjoni tal-Pieta' , is-Sibt, 2 ta' Frar, 2002 u bdew jitkellmu u waslu f'dan l-akkordju . Mistoqsi fil-kors tal-istqarrija tieghu jekk kienx informa lill-ETC , l-appellat kien wiegeb : "Le. Jien ma kontx naf." u mistoqsi jekk kienx iccekkja jekk il-Libyan kellux "working permit" qabel ma beda jhaddmu mieghu , l-appellat wiegeb : "Lili qalli li ghandu passaport u li ghandu kollox sew." Qal ukoll li hu ma kienx jaf li qed jaghmel hazin.

Il-Libyan Ali Sudik Saleh Madi kien xehed quddiem l-ewwel Qorti li kien iltaqa mall-appellat il-Hamrun , (u mhux tal-Pieta') . L-appellat staqsieh ghandux permess u hu kien qallu iva - il-permess li joqghod Malta igifieri . Kien staqsieh x'jaghmel u hu wiegbu li jobrox il-hajt . Hu ma kienx jaf bil-ktieb tax-xoghol . Kien ilu Malta xahar u ghaxart ijiem jew hmistax il-jum izda kien ilu gej u sejjer Malta mill-1997 imur u jigi minhabba il-business u kien student l-iskola tal-Hamrun u wara beda jigi u jmur minhabba il-"business" u ried jigbor lira minhabba l-iskola ghax naqsuh il-flus. Hu jikri d-dar Malta b'kera. Meta l-appellat kien staqsieh ghandux kollox sew , hu kien haseb li qed jirriferi ghall-passaport u ma hasibx f' xi permess iehor tax-xoghol .

Illi l-unika motivazzjoni li tat l-ewwel Qorti biex illiberat lill-appellat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu kienet li "jirrizulta car li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jhaddem persuna mhux skond il-ligijiet ta' Malta . Hu car li l-persuna libjana ma kienetx taf bil-ligijiet ta' Malta u dan fil-fatt waqqa' fi zball lill-imputat."

Illi fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli prosekutur issottometta li din il-motivazzjoni kienet zbaljata guridikament u kienet tinkorpora enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi in kwantu tirrigwarda l-element intenzjonali mehtieg ghar-reati in dizamina.

Ikkunsidrat ;

Li l-art. 11 (2) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap.217) jiddisponi li hija kondizzjoni mifhuma ta' kull permess moghti lil xi persuna biex tinzel l-art u tibqa' Malta li dik il-persuna ma ghandhiex f' Malta tezercita xi professjoni jew xoghol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minnghand il-Ministru ;

Illi umbaghad l-art. 23 tal-istess ligi jiddisponi li kull persuna li tikser xi wahda mill-kondizzjonijiet , INKLUZA KONDIZZJONI MIFHUMA (emfasi tal-Qorti) li tahtha inghatalha l-permess li tinzel l-art jew permess li tinzel l-art u tibqa' Malta tkun hatja ta' reat . Umbaghad l-

art. 32 jiddisponi li kull persuna li timpjega, jew taghti xoghol lil xi persuna li ma tkux persuna ezenti u li ma jkollhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-dispozizzjoni ta' dan l-Att , jew b'mod iehor tghin jew tassisti lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-eghmil tar-reat mahsub fl-artikolu 23 tkun hatja ta-reat u tehel , meta tinstab hatja , multa ta' mhux izjed minn hames mitt lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien , kemm il-darba mhux stabilita ghal dak ir-reat piena akbar b'ligi ohra.

Finalment l-art. 33 jiddisponi li f' kull procediment taht dan l-Att , il-prova li xi persuna hija persuna ezenti hija a kariku ta' dik il-persuna.

Illi minn din il-parti tal-ligi fuq riprodotta, johrog car li fil-kaz ta' min jimpjega jew jaghti xoghol jew jghin jew jassisti lil xi persuna li ma tkunx ezenti biex tikser xi wahda mill-kondizzjonijiet , biex tinzel l-art u tibqa Malta , inkluza kondizzjonijiet mifhuma - fosthom dik li ma ghandhiex tezercita xi professjoni jew xoghol minghajr licenza mill-Ministru , ma hix rikjesta xi intenzjoni specifika li wiehed qed jikser il-ligi jew li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li qed jagixxi "xjentement" kif insibu f'diversi ligijiet specjali ohra. Hu bizzejjed li jsir l-att materjali , e.g. l-ghoti ta' xoghol lil persuna mhux ezenti , u li dan isir b'mod volontarju . Anzi il-ligi tghid li fejn fid-difiza taghha xi persuna tallega li l-persuna li tkun impjegat jew tatha ix-xoghol tkun persuna ezenti, l-oneru tal-prova ta' tali ezenzjoni jisposta ruhu fuq min qed jallega dan . Dan ifisser li ma hemmx bzonn xi xjenza li wiehed qed jikser il-ligi b' dak li qed jaghmel , u ,inqas u inqas, ma jista' jfisser li jista' jigi invokat bhala skuzanti xi injoranza tal-ligi . Ghalhekk bir-rispett il-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kienet zbaljata u dan kien jammonta ghall-enuncjazzjoni hazina tal-pozizzjoni legali , li jaghti lok ghad-dritt ta' appell lill-Avukat Generali.

Illi umbaghad , anki kieku ma kienx hekk , u l-pozizzjoni guridika kienet differenti, wiehed ukoll difficilment jista' jifhem u japprezza kif persuna regolarment residenti f' Malta - bhal ma hu indubbjament l-appellat - ma tafx li barranin jihtiegu l-permess biex jaghmlu xoghol hawn Malta. Ta' kull gimgha jekk mhux ta' kulljum , wiehed jaqra, jara jew jisma fuq il-mezzi tax-xandir rapportagg dwar barranin li jinsabu jahdmu Malta bla permess u li ghalhekk ittiehdu passi dwarhom . Ta' kull gimgha jekk mhux ta' kull jum u jekk ukoll mhux kull siegha wiehed isegwi id-dibattitu politiku korrrenti dwar jekk barranin ghandhomx ikollhom dritt li jahdmu Malta bla htiega ta xi permess , dibattitu dan li hu f'mohh u f' halq kull cittadin . L-appellat li jahdem ta' burdnar u mhux xi persuna ta' wara l-mumtanji , zgur li ma jistax ikun injar minn dan il-fenomenu . Tant hu hekk li hu jinsisti li meta hu ikkommetta ix-xoghol lill Libjan , staqstieh espressament jekk kienx kollox sew. B'dan hu ried jifhem jekk kellux il-permess li jahdem hawn.

Veru li l-Libjan , probabbilment biex itaffi il-htija tieghu stess, xehed li meta hu gie mistoqsi hux kollox sew , hu kien qed jifhem ghar-rigward tal-passaport , ossia l-prezenza legali tieghu f'Malta, imma ir-risposta tal-Libjan , qatt ma setghet serrhet mohh l-appellant dwar il-permess jew licenzja li l-Libjan suppost li kellu biex jista' jezercita professjoni jew xoghol hawn Malta . L-appellat kellu ir-responsabilta' li jindaga ulterjorment u jesigi id-dokumentazzjoni relattiva minnghand il-Libjan , ossia jara il-"work permit" tieghu qabel ma jatih ix-xoghol sija pure taht forma t' appalt jew xoghol bl-imqieta. Dan ovvjament l-appellat ma ghamlux u ghamilha tal-hmar biex ma jhallasx dwana u staqsa nofs domanda biex jiehu risposta li tista' tfisser kollox. Dan dejjem jekk titwemmen il-versjoni tal-appellat u tal-Libjan dwar kif qabdu ma xulxin u kif gie biex inghata ix-xoghol , versjoni li lil din il-Qorti xejn ma tikkonvinciha.
Di fatt, jidher li dal-Libjan kien gie Malta taht pretest li hu student fil-1997 izda umbaghad wara

beda jigi u jmur ta' sikwiet ghal dak li hu ddeskriva bhala "business" . Jidher li dan is-suppost "business" ma kien xejn ghajr xoghol manwali u laborjuz li forsi haddiema Maltin illum ftit huma propensi li jaghmlu . Ma tantx tiltaqa ma "businessmen" li jkunu inklinati li joqghodu jmorru joborxu l-hitan b'idejh fid-djar privati kif kien lest li jaghmel dal-Libjan . Jidher li dal-"business" tal-libjan tant kien regolari li hass li jista' jikri dar hawn Malta bhala "pied a terre" minn fejn seta' jopera ! Li hu u l-appellat iltaqghu b'koincidenza kif iddeskrivew ftit li xejn huwa probabbli u wisq u wisq inqas kredibbli .

Illi kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law 1960 edit p. 95-96) ;-

> "it is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it ... This rule is absolute . Therefore , no invincible ignorance or error will serve for justification ....Moreover , the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners.... A mistaken notion or view of the law amounts , for all practical purposes, to ignorance of the law and does not ,
> therefore afford any excuse. The principle that no one can plead ignorance of the penal law as a defence , is not limited to the mere existence of the legal provision , but extends also to its intepretation . Otherwise it would be very easy to evade the observance of the law on the pretext of misinterpretation. ... Although mistake of law leaves the offender liable for the offence which he has blundered into , it may nevertheless afford good grounds for inflicting on him a minor punishment."

Illi umbaghad dik il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata fejn intqal li l-Libjan waqqa' lill-appellat fi zball , li ovvjament qed tirriferi ghal zball ta' fatt jew "mistake of fact" , ukoll ma tidhirx accettabbli , ghaliex biex zball ta' fatt ikun skuzanti fil-kaz tad-dritt penali , hemm bzonn li mhux biss ikun zball ta' natura essenzjali , imma irid ikun "INEVITABBLI" (emfasi tal-Qorti). Jigifieri anki kieku l-appellat verament emmen li l-libjan kellu permess jew licenzja biex jahdem hawn Malta u mhux biss kellu passaport biex ikun Malta , dan it-twemmin zbaljat ma kienx wiehed inevitabbli . Ghaliex kif jghid l-istess Prof. Sir. Anthony Mamo (ibid. p. 98) :-

> "The mistake must be 'inevitable' , that is, such that it could not be avoided by the exercise of reasonable care."

Issa fil-kaz in ezami , l-ewwel haga li principal jew appaltant jew kommitent ta' xoghol li jkun behsiebu jingagga s-servizzi ta' barrani suppost jaghmel, hu li jivverifika jekk dak il-barrani ghandux "work permit" u ghall-liema tip ta' xoghol dak il-"work permit" jirriferi u jekk skadhiex. Dan ikun evidenti biss mill-ezami tal-istess "work permit" u mhux li wiehed jistrieh u joqghod biss fuq il-kelma ta' dak li jkun , li mhux dejjem necessarjament tkun veritiera, ghal ragunijiet ovvji .

Dan l-appellat "ex admissis" ma ghamlux u ghalhekk , ma jistax jittrinceja ruhu wara id-difiza tal-"mistake of fact" kif irriteniet l-ewwel Qorti li seta' jaghmel fis-sentenza appellata . Hu kellu id-dmir li jivverifika jekk il-Libjan setax jaghmel dak it-tip ta' xoghol jew xi xoghol kwalsiasi u dan seta' jsir biss billi jitolbu il-"work permit" u dan zgur li ma ghamlux .

Ghalhekk fuq il-bazi tar-rizultanzi l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment tasal biex tiskolpa ghal kollox lill-appellat la fuq bazi ta' zball ta' fatt u inqas u inqas fuq zball jew injoranza tal-ligi kemm tal-appellat jew addirittura tal-Libjan kif intqal fis-setenza appellata.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata ampjament ghax bil-fatt li l-appellat

ikkommetta xoghol anki taht forma ta' appalt jew xoghol bl-imqieta, gie ta xoghol u/jew ghin u assista lill-Libjan fil-ksur tal-kondizzjonijiet , inkluzi dawk mifhuma ,li tahthom inghata permess li jinzel l-art f' Malta bhala turist , senjatament dik li ma jezercitax professjoni jew xoghol minghajr licenzja mill-Ministru.

It-tieni imputazzjoni tidher li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ghaliex tigbor fiha l-istess fatti u l-istess tip ta' htija koperta bl-art. 32 (b) 23 (a) u 11 (2) tal-Kap.217.

Illi it-tielet imputazzjoni tirrigwartda ksur tar-Regolamenti mahruga bis-setgha tal-Kap. 343 u cioe' l-Att Dwar is-Servizz ta' Impieg u Tahrig , bl-Avviz Legali 110/1993 u skond ic-citazzjoni din l-imputazzjoni hija bazata fuq ir-regolamenti 3a u 10 b'mod partikolari .

Ikkunsidrat li Ir-Regolament 3a jiddisponi li :-

> 'kull persuna hawn aktar il quddiem imsejjha principal li timpjega xi persuna ohra "whole time" , "part time" jew xort ' ohra , b'kuntratt defenit jew indefenit , jew bi prova , ghandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b'dak l-impieg kif hawn stabilit."
>
> Ir-Regolament 10 umbaghad jistabilixxi il-piena ghal ksur ta dan ir-regolament 3 u ohrajn .

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ,biss fil-kaz in ezami u mhux necessarjament f'ohrajn , hawn ma kienx kaz ta' impieg "whole time" jew "part time" b'kuntratt defenit jew indefenit, ghax ghallinqas minn dak li rrizulta quddiem l-ewwel Qorti , si trattatava pjuttost ta' kuntratt t' appallt , fejn l-Libjan gie ingaggat biex jaghmel bicca xoghol partikolari , bi prezz pattwit fiss , idum kemm idum . Dan it-tip ta' kuntratt ma jaqax taht il-koncett guridiku ta' impieg "ut sic" imma aktar taht kuntratt ta' appalt bejn appaltant u appaltatur li jahdem ghal rasu .

Issa hu ovvju li dak li trid tirregola l-ligi fil-Kap.343 u fir-Regolamenti fuq imsemmija huma l-impiegi taht "contract of service", bejn principal ("employer"fit-test Ingliz) u impjegat "employee" fit-test Ingliz) . Di fatti ir-regolament 3a isemmi id-dover tal-"principal" u mhux tal-appaltant jew kommitent ta' xoghol taht kuntratt ta' "locatio operis" u ghalhekk hu ovvju li l-appaltant jew kommittent ta' xoghol li ma jkunx qed jimpjega lill-appaltatur, ma ghandux l-obbligu li jinnotifika lill-Korporazzjoni ghal Xoghol u Tahrig almenu taht ir-regolament citat fic-citazzjoni. Anzi taht ir-Regolament 3 (b) hija l-persuna li tahdem ghal rasha - f'dan il-kaz l-Gharbi - li kellha l-obbligu li tinnotifika lill-Korporazzjoni li bdiet tahdem u taghmel xoghol bi qliegh "whole time" jew "part time" jew xort' ohra , li mhux kuntratt t' impieg ma xi principal . Ghalhekk ir-reat kontemplat taht it-tielet imputazzjoni ma jirrizultax fil-kaz in ezami ghax l-appellat la kien principal u lanqas persuna li tahdem ghal rasha f'dan il-kaz u ghalhekk ma kellu ebda obbligu li jinnotifika lill-Korporazzjoni b'dan ix-xoghol.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament fis-sens li gej u qed tirriforma is-sentenza appellata , billi filwaqt li tikkonfermha fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet imputazzjoni u illiberatu minn kull htija u piena fir-rigward , sija pure ghal ragunijiet u motivazzjoni ghal kollox differenti minn dak li adduciet l-ewwel Qorti , qed tirrevokha in kwantu sabet lill-appellat mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u in kwantu illiberatu minn kull htija u piena dwarhom , u , minnflok , issibu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b'dana illi it-tieni mputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni , u wara li rat l-artikoli , 6 (1) (b) , 11 (2) , 23 (a) , 32 u 33 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u, in kwantu ghall-piena, wara li qieset il-frekwenza li kull ma jghaddi z-zmien aktar tizdied ta' din ix-xorta ta' reat li bih cittadini Maltin qed jisfruttaw imigranti illegali jew nies li qed jigu jahdmu f'dawn il-gzejjer

bla permess u/jew li l-ghan taghhom hu li jaghmlu minn dawn il-gzejjer "stepping stone" ghal pajjizi ohra jew addirittura li jibqghu jahdmu hawn klandestinament ,u fl-istess waqt icahhdu Maltin kompetenti biex jaghmlu l-istess xoghol minn dik l-opportunita' - fenomenu dan ferm prejokkupanti ghas-socjeta' Maltija , tikkundanna lill-appellat ghal multa ta' erba mitt lira Maltin (LM400) .

Joseph G. Galea Debono, 11.07.02